# Id-dimostrazzjoni ta' San Pietru fuq il-baħar 35 sena mill-bidu tagħha

L-ewwel idea li f'Birżebbuġa tibda' tiġi organizzata din id-dimostrazzjoni fuq il-baħar kienet tal-Kappillan Dun Karm Frendo minn Ħal Qormi li kien ħa l-pussess tiegħu nhar id-29 ta' Ottubru 1978. Hu kien ressaq il-proposta tiegħu quddiem il-kumitat tal-festa ta' dik is-sena u wara kien sab liż-żgħażagħ tal-Azzjoni Kattolika u kien ħeġġiġhom sabiex jieħdu sehem fl-organizazzjoni tagħha. Għalhekk iż-żgħażagħ, flimkien mal-Kappillan u l-kumitat tal-festa bdew iħejju l-preparamenti sabiex jorganizzaw din id-dimostrazzjoni simili għal dak li kien ġara ħames snin qabel, propju fl-1974 meta ġiet il-vara titulari mill-induratura.



*Il-vara titulari ta' San Pietru qed tinġarr fuq il-baħar wara l-induratura fl-1974*

Għall-bidu l-Kappillan kien se juża` l-vara ta' San Pietru l-antika (San Pietru ż-Żgħir) dik li tinsab fil-kor tal-knisja, sakemm issir waħda ġdida. Però din ma kinetx idea tajba minħabba l-valur storiku tagħha. Għalhekk il-Kappillan Frendo kien avviċina lil Dun Ġorġ Deguara minn Raħal Ġdid sabiex jaħdem statwa ta' San Pietru għal din id-dimostrazzjoni. Hawn il-Kappillan kien laħaq ftehim ma` Dun Ġorġ sabiex dan jisilfu l-istatwa ta' San Pietru li kienet tagħmel parti mill-armar ta' barra tal-festa ta' Kristu Re f'Raħal Ġdid bil-patt li s-sena ta' wara jaħdem waħda ġdida għal Birżebbuġa.



*Dun Ġorġ Deguara*

L-ewwel darba li saret din id-dimostrazzjoni kienet nhar it-3 ta' Awwissu tal-1979. Il-poplu attenda bi ħġaru u akkumpanja l-istatwa minn fuq il-baħar mill-Bajja ta' San Ġorġ sal-Bajja s-Sabiħa, permezz ta' dgħajjes u opri oħra tal-baħar. L-istatwa kienet inġarret fuq il-lanċa ta' Ġużi Aquilina u ibnu Mario minn tar-Ratal. Għal dik is-sena, din l-attività waqfet hemm iżda fis-snin ta' wara ġiet żviluppata iktar kif ser naraw.

Hekk kif għaddiet il-festa tal-1979, Dun Ġorġ beda jaħdem l-istatwa l-ġdida li kellha tibda tintuża għal din id-dimostrazzjoni. Din inħadmet fil-bitħa tal-mezzanin numru 28 Triq il-Gżira f'Birżebbuġa, li kienet ir-residenza tas-sajf ta' Dun Ġorġ. Fit-22 ta' Frar 1980, nhar il-festa liturġika tal-Katedra ta' San Pietru, din l-istatwa ntramat fil-knisja parrokkjali sabiex il-parruċċani jkunu jistgħu jarawha. Fil-festa tal-1980 din l-istatwa għamlet l-ewwel mawra tagħha fuq il-baħar fejn sfortunatament il-Kappillan Dun Karm Frendo ma leħaqx ra din l-attività minħabba li kien miet ħesrem nhar it-13 ta' Ġunju fl-għomor ta' 37, mewta li ħasdet għalkollox lill-parruċċani kollha u li l-Banda San Pietru li kienet daqqet waqt il-funeral tiegħu. Minfloku kien leħaq il-Kappillan Dun Pawl Buttiġieġ li llum il-ġurnata huwa misjunarju.

Dik is-sena l-istatwa kienet tnizzlet mill-knisja sal-Bajja ta' San Ġorġ bil-mixi fuq l-ispallejn taż-żgħażagħ tal-Azzjoni Kattolika, u għamlet il-mawra tagħha fuq il-baħar fejn jakkumpanjawha kien hemm ukoll diversi sajjieda Xlukkajri bl-opri tas-sajd tagħhom. Hekk kif waslet fuq il-moll tal-Bajja s-Sabiħa il-poplu laqa` din l-istatwa fejn dakinhar fost



*Il-mikbi Dun Karm Frendo*

il-parruċċani kien evidenti n-nuqqas tal-preżenża tal-mibki Kappillan Frendo li kien il-moħħ wara din l-istatwa. Minn hemm din l-istatwa kienet inġarret miż-żgħażagħ lejn il-knisja filwaqt li aktar tard il-Banda San Pietru kienet ferrħet lill-parruċċani b'daqq ta' marċi brijjużi mat-toroq prinċipali tar-raħal.

Kien fis-sena ta' wara li kien ġie deċiż li l-marċ tal-aħħar tat-Tridu jibda jiġi amalgamat mad-dimostrazzjoni tal-istatwa u għalhekk nhar il-Ġimgħa 31 ta' Lulju tal-1981 hekk kif l-istatwa tniżżlet minn fuq il-lanċa għal fuq il-moll tal-Bajja s-Sabiħa, sabet tistenniha l-Banda San Pietru fejn selmitilha bid-daqq tal-innu popolari, wara akkumpanjataha b'marċ mad-diversi toroq u hekk kif waslet fil-pjazza din ġiet imtella` fuq kolonna permezz ta' krejn ta' Leli Cutajar (il-Bebbuxu). Din kienet tkun xena mill-isbaħ fejn Leli kien jgħolli l-istatwa u wara li kien idawwarha fuq il-folla preżenti, kien ipoġġiha fuq il-kolonna fost id-daqq tal-innu popolari, u l-ħruq tas-sufarelli, *flares* u anke rdieden żgħar mill-idejn.



*L-istatwa ta' San Pietru li ntużat għall-ewwel dimostrazzjoni*

Bl-inklużjoni tal-Banda Birżebbuġa bħala t-tieni soċjetà mużikali fir-raħal din għamlet użu min din l-istatwa fl-1991. Wara, il-Banda San Pietru kienet akkwistat il-privileġġ li tuża din l-istatwa u tellgħaha fuq il-kolonna. B'riżultat ta' dan il-membri tal-Banda Birżebbuġa kienu ordnaw statwa ġdida u għal diversi snin din id-dimostrazzjoni kienet tikonsisti f'żewġ statwi fuq il-baħar fl-istess ħin. Maż-żmien il-kumitat tal-Banda San Pietru b'sens ta' rieda tajba ċeda wieħed mill-privileġġi li kellha s-Soċjetà bħala l-ewwel Banda fir-raħal, cioe` dak li l-Banda torganizza din id-dimostrazzjoni fl-aħħar jum tat-Tridu sabiex b'hekk dawn iż-żewġ dimostrazzjonijiet bdew jiġu organizzati waħda l-Ħamis u l-oħra l-Ġimgħa biż-żewġ soċjetajiet jolternaw s-sehem tagħhom kull sena. Fl-1997 kienet inħadmet rampa sabiex din l-istatwa tiġi mtella' fuq il-kollona minħabba l-ħsara li kellha l-istatwa. Fl-istess perjodu din l-istatwa bdiet anke tiġi akkumpanjata minn diversi bandisti permezz ta' daqq ta' marċi brijjużi minn fuq lanċa waqt id-dawra tagħha fuq il-baħar.

Wara diversi snin, u anke minħabba ħsara strutturali li sofriet din l-istatwa, inħasset il-ħtieġa li ssir statwa ġdida. Minħabba li l-istatwa orriġinali kienet propjetà tal-Parroċċa, s-Soċjetà għamlet rikors il-Kurja tal-Arċisqof sabiex tibdel din l-istatwa. Dan ir-rikors kien intlaqa` mill-awtoritajiet Ekkleżjastiċi bid-dritt għall-użu ta' din l-istatwa jibqa` rriservat biss għall-Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen. Din l-istatwa nħadmet mill-istatwarju Għawdxin Michael u ibnu Adonai Camilleri Cauchi fis-sena 2007 fejn fl-okkażżjoni tal-ħamsin sena anniversarju mit-twaqqif tal-Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen. L-istess Soċjetà rregalat din l-istatwa lill-Parroċċa. Il-kompożizzjoni artistika tagħha hi xi ftit differenti minn kif sa dak iż-żmien il-poplu ta' Birżebbuġa kien imdorri jara statwa ta' San Pietru. Dan jinsab bilwieqfa u b'mod artistiku ħafna jinsab imdawwar fuq in-naħa tax-xellug tiegħu. F'idejh il-leminja San Pietru qed iżomm il-palma bħala simbolu tal-martri u fuq dik tax-xellug l-imfietaħ u l-Bibbja li jissimbolizzaw s-setgħa tiegħu bħala l-ewwel kap viżibli tal-Knisja Kattolika u t-tagħlim tal-Evanġelu.



*L-Statwa quddiem l-Azzjoni*

**Konklużjoni**

Is-snin għaddew u nbidlu ż-żminijiet. Iżda din t-tradizzjoni li ilha ssir għal 35 sena, minkejja t-tibdil li rat, baqgħet meqjusa bħala l-aktar avveniment li l-Birżebbuġin huma magħrufin għalih. Nies minn madwar Malta u Għawdex jiġu sabiex jaraw din id-dimostrazzjoni unika fil-gżejjer tagħna fejn minn jiġi jipprova jitla` fuq dgħajsa jew jimxi tul il-kosta kollha sabiex isegwi. Bla dubju ta' xejn tifkira ħajja li ħallilna l-Kappillan Dun Karm Frendo ftit qabel ma` ngħaqad mal-Hallieq u ma` San Pietru li tant ħadem għal parroċċa tiegħu tul il-perjodu qasir li dam imexxiha. Għalhekk nistiden lill-qarreja kollha sabiex din is-sena ma jitifux dan l-avveniment li se jsir il-**Ħamis 31 ta' Lulju fejn fis-7.15 p.m.** tibda d-dimostrazzjoni minn fuq il-moll tal-Bajja ta' San Ġorġ fejn wara jsir marċ u **fl-10.30 p.m.** ikun hemm spettaklu kbir fil-pjazza tal-knisja.



*L-Statwa l-antika tinġarr fuq il-baħar*



*L-Statwa l-antika fl-aħħar snin tagħha*




*L-Statwa fuq il-kolonna f'Misraħ il-Knisja*



*L-Statwa li ġiet mżanżna fl-2007*